22 ta' Diċembru, 1948

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Carmelo Azzopardi *versus* Giuseppe Buttigieg (*)

**Promessa ta' Dota — Żwieġ —**

**Art. 1277 u 1289 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-promessa ta' dota ma taqax taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 1277 (a) tal-Kodiċi Ċivili, għax dik id-dispożizzjoni tirrigwarda l-eżekuz-*

*sjoni tal-promessa taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, u mhux il-promessa tal-kostituzzjoni tad-dota.*

*Il-promessa ta' oġġetti bħala dota hija nulla jekk ma ssirx b'att publiku jew skrittura privata meta l-oġġett ta' dik il-promessa jikkonsisti f'beni stabili; għall-kuntrarju, dik il-promessa sseħħ anki mingħajr kitba meta l-oġġett ikun beni mobili; sale li din il-promessa tiġi debitament pruvata.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, fejn ippremettew illi fl-okkażjoni taż-żwieġ ta' l-attriċi Giuseppa Azzopardi nee Buttigieg ma' l-attur Carmelo Azzopardi, il-konvenut missierha, Giuseppe Buttigieg, wegħedha b'titolu ta' dota (1) il-ħabel ta' fuq tar-raba' "Tax-Xini", ta' ċirka nofs tomna, fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, (2) siegħ raba' "tal-Fawwara" sive "ta' San Blas", fi Triq San Blas, Nadur, Għawdex, (3) siegħ raba' "tal-Hanaq" fi Triq Ramla, Nadur, Għawdex, (4) nofs il-kamra ta' ġewwa fil-pjan ta' fuq u l-kamra ta' taħtha fil-pjan t'isfel mill-lok ta' djar fi Triq Wied ir-Raħan, Nadur, abitat mill-istess konvenut, kmamar li kellhom jiġu maqsumin mill-atturi u spejjeż tagħhom, oltre biċċa mandra li tmiss ma' l-istess lok biex ikunu jistgħu l-atturi jtellgħu bi spejjeż tagħhom taraġ, kif ukoll jaqtalhom l-entrata biex ma jkollhomx x'jaqsmu ma' xulxin, b' spejjeż ukoll ta' l-atturi, (5) nagħġa, (6) gradenza, (7) għaxar liri flus, (8) u brazzuletta (ċappetta), żewġ ċrieket, par imsielet u labra, tad-deheb kollox; u billi minn dawn l-oġġetti kollha l-atturi rċevew biss minn għand il-konvenut ċurkett u par imsielet tad-deheb; u nonostanti d-divers interpellazzjonijiet, tant bonarji kemm ukoll uffiċjali, il-konvenut baqa' ma assenjax lill-attriċi bintu d-dota li kien ippromettielha; talbu li l-konvenut jiġi kundannat jersaq fuq l-att publiku opportun li bih, barra miċ-ċurkett u par imsielet fuq imsemmija, jassenja lill-attriċi u jikkunsinna lill-attur il-beni fuq indikati li kien ippromettielhom fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħhom, billi għal dan l-oġġett jiġi nominat

(*) Maqtugħa b'sentenza finali ta' l-4 ta' April 1949 (Appell Ċivili).

nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq dan l-att; salvi kwalunkwe dritt u azzjoni oħra kompetenti lill-atturi kontra tiegħu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Jannar 1947;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fil-11 ta' Gunju 1948, fejn laqgħet it-talba ta' l-atturi limitata għar-raba' "tax-Xini", "tal-Fawwara sive ta' San Blas" u "tal-Ħanaq", kif deskritti fiċ-ċitazzjonn, u għan-nofs iż-żewġ kmamar mill-post ta' Triq ir-Raħan, Nadur, biċċa mandra għat-taraġ u biċċa mill-entrata kif deskritt ukoll fiċ-ċitazzjoni, u kkundannat il-konvenut jersaq fuq l-att publiku opportun u jassenja lill-attriċi l-beni fuq imsemmija, li kien wegħedha fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha; u għal dan l-oġġett innominat lin-Nutar Francesco Refalo biex jirċievi l-att opportun u lill-Avukat Dr. Anton Calleja kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq dan l-att; bir-riżerva ta' kull dritt u azzjoni oħra kompetenti lill-partijiet kontra xulxin; u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut, barra dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Jannar li għandhom jitħallsu mill-konvenut; il-kuntratt jiġi pubblikat fl-uffiċċju ta' l-imsemmi nutar fil-5 ta' Lulju 1948, fl-4 p.m.; wara li kkunsidrat;

Illi t-talba ta' l-atturi tikkomprendi (1) dak li l-konvenut wiegħed lill-atturi quddiem is-sensal; (2) dak li l-attriċi tippretendi li wegħduha ommha u missierha; dwar l-ewwel wegħda, jiġifieri tar-raba'........... l-attur jinsab korroborat għal kollox...........; illi meta tikkunsidra x-xhieda ta' persuna barranija bħal ma huwa s-sensal, flimkien mal-fatt illi ż-żwieġ sar xahar wara l-ftehim, ma tistax ma taċċettax it-teżi ta' l-attur għal dak li jirrigwarda l-wegħdiet magħmulin lilu quddiem l-imsemmi sensal; illi għal dak li jirrigwarda l-wegħdiet magħmulin lill-attriċi, jiġifieri ta' flus, deheb, annimali u għamara, ma hemmx provi suffiċjenti...........;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiċħad id-domandi kontenuti fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi ;

Rat ir-risposta ta' l-atturi fejn talbu illi l-appell avversarju jkun respint; u peress li għamlu appell inċidentali, talbu

wkoll illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata fis-sens illi l-talbiet jiġu milqugħa fl-integrità tagħhom kif huma mitlubin fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi eżaminata hija dik jekk promessa li jagħmel il-missier lit-tifla in okkażjoni taż-żwieġ tagħha, fis-sens illi jagħtiha immobili u mobili, kif inhu dan il-każ, għandhiex tirriżulta minn skrittura jew att publiku, peress illi l-appellanti ssottomettew illi dik il-konvenzjoni taqa' taħt dak li jgħid u jipprovvedi l-art. 1277 (g). Din id-dispożizzjoni tgħid illi għandhom isiru b'att publiku jew bi skrittura privata għall-finijiet tal-liġi dwar il-wegħdiet ta' żwieġ (Kapitlu 7) kull wegħda, kuntratt jew ftehim hemm imsemmija. Dak il-kapitlu jirrigwarda wegħdiet ta' żwieġ ("promises of marriage") u jirriproduċi l-Proklama tat-28 ta' Ġunju 1834, fejn jingħad illi l-ebda Qorti ma għandha ġurisdizzjoni, poter jew awtorità, li tobliga, tiġġudika, tiddekreta, jew tordna speċifikatament lil persuna, li teżegwixxi jew tkompli wegħda ta' żwieġ magħmula lil persuna oħra, jew kuntratt jew konvenzjoni li tkun għamlet ma' persuna oħra dwar ċelebrazzjoni ta' żwieġ. L-oġġett ta' dan huwa ċar, iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, u mhux kuntratt iehor, anki in okkażjoni taż-żwieġ; għaliex il-kliem tal-liġi huma ċari. Imbagħad fl-artikolu ta' wara jingħad illi jekk dik il-persuna tkun volontarjament u illegalment kisret dik il-promessa, kuntratt jew konvenzjoni, hemm kontra tagħha azzjoni għad-danni;

Issa dana kollu qiegħed jirriferixxi dejjem għall-promessa taż-żwieġ; għaliex l-artikolu 2 ta' dik il-liġi fuq indikata, jirriferixxi għal dak biss, u mhux għal kostituzzjoni ta' dota jew ta' donazzjoni "propter nuptias" in okkażjoni taż-żwieġ; għaliex kieku kien hekk, allura anki kieku jkun hemm skrittura in forza ta' l-artikolu fuq imsemmi 1277 tal-Kodiċi Ċivili, u anki att publiku, l-ebda Qorti in forza ta' dik il-liġi ma tista' tobliga lill-persuna teżegwixxi dak il-kuntratt; mentri huwa notorju illi jekk ikun hemm iż-żwieġ u hemm il-promessa, kuntratt jew ftehim, fuq id-dota legalment magħmula, allura min jik-

ser dak il-ftehim jista' jiġi obligat mill-Qorti kompetenti biex jeżegwieh;

Għalhekk dik id-dispożizzjoni tal-liġi 1277 (g), invokata mill-appellanti, mhijiex applikabili għal dana l-każ;

Tikkunsidra;

Illi mbagħad ġie sottomess illi hemm l-art. 1289 li in forza tiegħu kull kitba ta' żwieġ, tibdil jew kontro-dikjarazzjoni, hija nulla jekk ma tiġix magħmula per mezz ta' att publiku. Din il-Qorti in re "Galea vs. Micallef", fit-12 ta' Gunju 1914 (Kollez. Vol. XXII-I-27), irriteniet illi meta dak il-ftehim ikun qiegħed jirriferixxi għall-eżekuzzjoni ta' obligu legali, bħal każ illi ssir fl-okkażjoni ta' l-ewwel żwieġ, allura ma hemmx bżonn l-att publiku, imma meta wieħed ikun għamel dan fil-każ tat-tieni żwieġ, allura ma jkunx obligat legalment; "e perciò", irriteniet allura din il-Qorti, "si avrebbe una convenzione matrimoniale la quale sarebbe nulla se non fosse fatta per atto pubblico"; u f'dik is-sentenza ġiet ċitata s-sentenza tal-Prima Awla Ċivili in re "Busietta vs. Zimelli" tal-10 ta' Marzu 187? (Kollez. VIII, 727). L-istess ħaġa "mutatis mutandis" jingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Bongailas vs Coleiro" tat-8 ta' Frar 1933 (Collez. Vol. XXVIII-II-358);

Imbagħad l-istess Qorti fit-12 ta' Jannar 1926 in re "Ellul vs. Zammit" (Kollez. Vol. XXVI-II-217) għamlet distinzjoni bejn il-ftehim li jkun għadu fil-kamp ta' promessa, jew wegħda, mill-obligu effettiv; u rriteniet illi dawk il-promessi jistgħu jiġu eżegwiti, kif irriteniet din il-Qorti in re "Zammit vs. Pisani Demajo" fis-7 ta' Mejju 1875 (Kollez. VII, 405), u dik il-Qorti Prim'Awla rriteniet ukoll f'dik is-sentenza illi l-emendi li kienu saru bl-Ordinanza XIV ta' l-1913 għall-art. 941 ta' Ord. VII ta' l-1868, il-lum 1277, fuq kommentat, ma kienu "con alcuna di tali disposizioni disciplinato la forma della promessa di dote, della quale ha taciuto del tutto l'articolo 2 dell Ordinanza XIV del 1913, per cui venne emendato l'articolo 94 dell'Ordinanza VII del 1868". U għalhekk ġie ritenut illi jekk ikun hemm ftehim "de ineundo contractu", ir-retraent jista jiġi obilgat jeżegwixxi l-ftehim;

Tikkunsidra;

Illi però, il-każijiet ċitati fuq kienu jirrigwardaw ftehim li kellu bħala oġġett flus u oġġetti mobili, u mhux stabili; u allura in vista tal-fatt illi f'dan il-każ l-atturi jippretendu illi l-ftehim kien jaqa', barra minn fuq flus, annimali, deheb u għamara, anki fuq raba', għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni oħra jekk in vista ta 'dawk l-emendi fuq imsemmija, riportati bl-Ordinanza XIV ta' l-1913, u l-lum huma inkorporati fl-art. 1277 tal-Kodiċi Ċivili, huwiex possibili legalment illi dak il-ftehim ikollu bħala oġġett beni immobili. Infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha fuq ċitata tat-8 ta' Frar 1933 fuq imsemmija, donnha intravediet din il-kwistjoni meta rriteniet . "La promessa di dare in dote una cosa specifica consistente in denaro o in mobiglio, rappresenta solo la liquidazione del credito della figlia per dote, cioè il modo in cui debba adempirsi la obbligazione legale della dote". Fil-każ in kwistjoni dak il-ftehim, almenu kif jippretendi l-attur, kellu bħala oġġett tant mobili kemm immobili; u l-Ewwel Qorti, mentri rriteniet illi l-ftehim fuq l-istabili ġie pruvat, dak fuq il-mobili ma ġiex— kwistjoniijet li huma nvoluti f'dan l-appell;

Tikkunsidra;

Illi dawk l-emendi riportati bl-Ordinanza XIV ta' l-1913, u li huma l-lum inkorporati fl-art. 1277, jgħidu fl-inċiż (1) illi hemm bżonn ta' skrittura privata, taħt piena ta' nullità, fil-każ ta' ftehim li jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà tal-beni immobili jew ta' jedd ieħor fuq dawn il-beni; għalhekk jekk dawk il-beni stabili ġew, fil-każ illi tassew ġew, promessi lill-attriċi bħala dota tagħha mill-missier, jew fil-proprjetà tagħhom jew għal dak li jirrigwarda xi dritt fuqhom, kif inhuma l-fondi deskritti taħt in-numri 3 u 4 fol. 45 u 46, allura huwa evidenti li huma milquta b'dik id-dispożizzjoni li trid l-iskrittura. Fil-każ imbagħad illi dawk l-istabili huma f'idejn l-appellanti b'titolu ta' inkwilina, kif inhuma l-fondi fin-numri 1 u 2 fol. 45, u għalhekk dak li ċeda huwa l-inkwilinat, u peress dan sar mingħajr il-kunsens tas-sid, tkun sullokazzjoni tagħhom, għaliex di fronti għas-sid jibqa' obligat il-konċedenti sakemm ma jiġix liberat minnu; u f'dan l-aħħar każ ta' sullokazzjoni, allura tiġi applikabili d-dis-

pożizzjoni ta' l-istess artikolu 1277 tal-Kodiċi Ċivili taħt l-inċiż (e) peress illi, la darba dawk il-beni jiġu assunti mit-tifla bħala dota tagħha, vwoldiri illi dana għandu jkun almenu għal tul ħajjitha, u għalhekk għall-perijodu illi jgħaddi presumibilment l-erba' snin, u għal iżjed jekk ikollha tfal. Veru huwa illi f'dan il-każ is-sid, jekk għandu dritt skond il-liġi attwali, anka ta' l-emerġenza, jista' jieħu dak ir-raba', iżda dan ikun fir-relazzjoni bejn is-sid u missierha; imma l-figura ġuridika bejn il-missier u t-tifla tibqa' dejjem dik fuq prospettata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi u tiddikjara illi l-ftehim pretiż mill-atturi in riferenza għall-istabili huwa null peress ma kienx hemm skrittura, u għalhekk tilqa' l-appell tal-konvenut, u in riferenza għal dawk l-istabili tirrespinġi t-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi kontra l-atturi;

Tiddikjara illi dak il-ftehim in rigward għall-annimali, deheb, flus u għamara, huwa validu, salva l-kwistjoni nvoluta fl-appell inċidentali, jekk dan il-ftehim in riferenza għal dawk il-mobili ġiex adegwatament pruvat; u għal dana l-fini tħalli l-kawża għat-trattazzjoni tagħha għas-seduta tas-17 ta' Jannar 1949; spejjeż riżervati.